Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Rikors numru: 17/2018

Fil-kwistjoni ta' xoghol numru 3521:

**Doreen Camilleri (appellanti)**

**Vs**

**L-Agenzija tal-Programmi ta' l-Unjoni Ewropea (appellata)**

It-Tnejn, 2 ta' Lulju, 2018.

1. B'rikors prezentat fit-28 ta' Frar, 2018 ir-rikorrenti appellat minn decizjoni tat-Tribunal Industrijali tas-26 ta' Frar, 2018 li ddecieda li r-rikors promotur kien tardiv u talbet lil din il-qorti sabiex, *"…. Thassar u tannulla d-decizjoni de quo u tirrinvija l-atti lit-Tribunal Industrijali ghad-decizjoni skont il-haqq u l-ligi"*.

2. B'rikors prezentat fis-27 ta' Dicembru, 2016 l-appellanti ppremettiet li kellha l-kariga ta' Koordinatrici Nazzjonali fl-Agenzija tal-Programmi ta' l-Unjoni Ewropea u li fit-8 ta' Frar, 2016 kienet giet infurmata li l-impieg taghha kien gie tterminat. Ilmentat li l-impjieg taghha kien gie tterminat u kienet vittma ta' diskriminazzjoni u giet vittimizzata fil-post tax-xoghol (artikoli 26 u 28 tal-Kap. 452), u talbet hlas ta' kumpens ghat-telf li sofriet.

3. Fit-twegiba l-appellat kienet fost eccezzjonijiet ohrajn qalet li:

   i. It-Tribunal ma kellux kompetenza biex jiddeciedi l-kwistjonijiet taht l-artikolu 26 u 28 tal-Kap. 452 stante li l-impjieg tar-rikorrenti gie tterminat;
   ii. L-azzjoni kienet proposta wara l-erba' xhur kontemplati fl-artikolu 75(3) tal-Kap. 452.

4. L-aggravji tal-appellanti mid-decizjoni tat-Tribunal huma li t-Tribunal Industrijali ddecieda wkoll it-tielet eccezzjoni tal-appellata meta r-rikors kien thalla ghal decizjoni preliminari dwar it-tieni eccezzjoni. Aggravju iehor hu li t-Tribunal Industrijali applika b'mod zbaljat l-artikolu 30 tal-Kap. 452 u tikkontesta li kellha biss erba' xhur wara d-data ta' terminazzjoni tal-impieg sabiex tressaq l-ilment taghha quddiem it-Tribunal.

5. L-appellat ipprezentat twegiba fejn tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud. Kompliet tghid li l-impieg tal-appellanti kien gie tterminat fit-8 ta' Frar, 2016, cioe' fl-ewwel tnax-il xahar meta kien ghadu ma ntemmx l-impieg

bi prova. Terminazzjoni li kienet legali skont l-artikolu 36 tal-Kap. 452. Inoltre, l-appellanti qeghda tistieden lill-qorti biex terga' taghmel evalwazzjoni tal-provi. Dan apparti li l-ligi stess fl-artikolu 78(3) tal-Kap. 452 tipprovdi li t-Tribunal ghandu jirregola l-procedura tieghu stess.

6. Il-qorti qrat l-atti.

7. Mill-process jirrizulta li quddiem it-Tribunal Industrijali saru dawn is-seduti:

    i. **6 ta' Frar, 2017** – kawza thalliet ghal 10 ta' April, 2017 ghall-provi dwar l-ewwel eccezzjoni;
    ii. **10 ta' April, 2017** – it-Tribunal Industrijali cahad l-ewwel eccezzjoni[1] u l-kaz kien differit ghas-seduta tad-29 ta' Mejju, 2017 ghall-provi tar-rikorrenti.
    iii. **29 ta' Mejju, 2017** – Id-difensur tal-appellata talbet zmien ta' tlett gimghat sabiex tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet dwar it-tieni eccezzjoni. It-Tribunal laqa' t-talba u ta wkoll lill-appellanti tlett gimghat sabiex twiegeb. Il-kaz kien differit ghal-25 ta' Settembru, 2017 ghat-trattazzjoni ulterjuri. Dik is-seduta ma saritx wara li kull parti nfurmat lis-segretarja tat-Tribunal li ma kellhiex x'izzid ma dak li ntqal fin-noti ta' sottomissjonijiet.
    iv. **19 ta' Frar, 2018 -** it-Tribunal ta ordni li biha halla l-kaz ghad-decizjoni preliminari ghas-26 ta' Frar, 2018 fis-1.00 pm.
    v. **26 ta' Frar, 2018** - it-Tribunal ta d-decizjoni billi ddikjara li l-appellanti pprezentat ir-rikors *fuori termine*. Mis-sentenza hu evidenti li ma nghatatx decizjoni dwar it-tieni eccezzjoni tal-appellata.

8. Qabel id-decizjoni kull parti pprezentat nota ta' sottomissjonijiet li kienet tindirizza t-tieni eccezzjoni tal-appellata.

9. Minn dak li nghad hawn fuq hu evidenti li d-decizjoni preliminari li kellha tinghata mit-Tribunal ma kinitx dwar it-tielet eccezzjoni izda dwar it-tieni eccezzjoni. Fir-rigward tat-tieni eccezzjoni t-Tribunal qal fil-parti tal-konsiderazzjoni:

    *"Ir-rikorrenti tissottometti illi jekk hi ma tkunx aktar fl-impieg xorta ghandha d-dritt li tressaq dan l-ilment u ta' dan it-Tribunal jaqbel u ma jsib xejn hazin jekk impjegata tkun gie tterminat ix-xoghol taghha tista' xorta tintavola dawn it-tip ta' proceduri…..*

    *Decizjoni.*

[1] L-eccezzjoni kienet li l-appellata ma kinitx il-legittimu kontradittur.

*It-Tribunal Industrijali wara li kkunsidra l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li Doreen Camilleri kienet tardiva sabiex iddahhal l-ilment taghha b'hekk gie terminat id-dritt taghha sabiex tressaq ilment dwar din in-natura quddiem it-Tribunal Industrijali.*

*Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedi billi jichad dan l-appell bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

*B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol".*

10. Imbaghad it-Tribunal ghadda biex jikkunsidra t-tielet eccezzjoni, li pero' ma kellhiex tinghata decizjoni dwarha, tant hu hekk li n-nota ta' sottomissjonijiet kellhom isiru dwar it-tieni eccezzjoni. Il-jedd tat-Tribunal li jirregola l-procedura tieghu ma jfissirx li ghandu jiddeciedi materja li dwarha ma kellhiex tinghata decizjoni. It-Tribunal Industrijali ghandu d-dmir li jizgura li jsegwi l-principji ta' gustizzja naturali, u m'ghandux qatt jissorprendi lill-partijiet.

11. F'dan il-kaz hu evidenti li t-Tribunal Industrijali ddecieda fuq materja li dwarha ma tax lill-partijiet iressqu provi u jaghmlu sottomissjonijiet. Ghalhekk id-decizjoni tilledi l-principju tal-gustizzja naturali u ser tithassar.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell fis-sens li bid-decizjoni tas-26 ta' Frar, 2018 it-Tribunal Industrijali kiser il-jedd ghal smiegh xieraq. Ghaldaqstant, thassar id-decizjoni u tibghat l-atti lura quddiemu sabiex jissokta bis-smiegh tal-kaz. Spejjez taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet gialadarba dak li gara ma kienx tort ta' xi parti izda nuqqas tat-Tribunal Industrijali.**

Anthony Ellul.